MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2014

Talba Numru. 1654/2010

**Etienne Azzopardi**

**vs**

**L-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li fl-AVVIZ l-attur qed jirriferi ghal incident li gralu fl-14 ta' Frar 2010 meta, waqt li kien isuq il-vettura Alfa Romeo nru ARE 214 matul Triq il-Kosta, Bahar-ic-Caghaq, il-vettura ghaddiet minn hofra li ma kienetx tidher ghax kienet mimlija bl-ilma bil-konsegwenza li l-car sofriet hsarat estensivi ammontanti ghal elf, tlieta u hamsin Ewro u disghin centezmi (€1,053.90c)

Imbaghad ghadda biex **talab** li l-Awtorita' konvenuta:

1. Tigi dikjarata responsabbli ghall-incident ghax naqset milli zzomm it-triq imsemmija fi stat tajjeb ta' manutenzjoni.
2. Id-danni jigu likwidati fl-ammont imsemmi u
3. Li l-Awtorita tkun kundannata thallas lill-attur il-*quantum* ta' €1,053.90c msemmi.

**Ra** r-RISPOSTA tal-Awtorita konvenuta fis-sens li rrispengiet il-pretensjoni allegata bhala infondata u, subordinatament, id-danni pretizi huma esagerati.

**II PROVI**

1. L-attur Etienne Azzopardi xehed permezz ta' affidavit *a fol* 16 u kontro-ezaminat naturalment *viva voce* (*a fol* 43), ipprezenta Rapport mill-Ghassa tal-Mosta, Dok D *a fol* 46 u ritratt tal-hofra, Dok E *a fol* 49. Hawnhekk it-TRIBUNAL jissenjala biss punti ewlenin tal-provi mressqa u riferenza ssir ghal dak kollu mressaq quddiemu kif imsemmi.

2. Dwar ir-Rapport imnizzel fl-Ghassa tan-Naxxar jigi osservat li dan hu datat 17/02/2010. Sar mill-attur stess u fih insibu li waqt li hu kien ghaddej mill-Coast Road "he damaged the rear and front left rims and tyres in a pothole …" Semma wkoll l-valur approx tal-hsara li tawh l-ALFA SHOWROOM u anke qalilhom li kien ha r-ritratt li hemm mar-Rapport.

3. Etienne Azzopardi fl-affidavit qal li xi t-3:30pm tal-Hadd, 14/2/2010 kien isuq il-car matul il-Coast Road fid-direzzjoni minn Bugibba lejn Tas-Sliema, b'martu hdejh b'sebgha xhur tqala u ommu fuq wara. Qabel kien ghamel il-maltemp izda f'dak il-jum kien bnazzi. Kien tiela bilmod fit-telgha ta' quddiem Splash & Fun, b'karozzi ohra quddiemu. Dahal go hofra u meta prova jissokta jsuq hass il-karozza tperper u saq ftit iehor u ggenneb ha jara x'kien gara. Innota li z-zewg tyres tan-naha tieghu kienu maqsumin u cempel ghat-*tow truck*. L-ghada sar jaf li r-*rims* kienu bil-hsara u kellu jinbidel kollox. Hu u martu marru l-Kunsill Lokali tan-Naxar u qallhom jaghmlu l-*patching* u talab kumpens. Hawn qalulu li din kienet affari tal-Awtorita konvenuta. Imbaghad marru l-Ghassa tan-

Naxxar u sar rapport hemm. Wara mar ghand l-U.C.I.M. Co. Ltd li timporta l-*parts* tal-Alfa u eventwalment sar jaf li l-hsara titla ghal €1,053.90c. Fl-affidavit datat 01/04/2011 qal li l-car kien ghadu mhux qed juzaha.

4. In kontro-ezami (*a fol* 43) qal li bejnu u ta' quddiemu kien hemm xi tul ta' car. Il-hofra ma rahiex u speed kellu xi 40km.f.s. Hanhekk hemm li *speed camera*. Cahad li kien isuq bi *speed* oghla u qal li ggenneb wara li ha d-daqqa u saq ghal xi zewg tulijiet ta' car. Ir-ritratt esebit (Dok E) hadu hu stess l-ghada tal-incident, bla htiega li jizzumja ghax il-hofra kienet kbira bizzejjed. Il-car giet irmunkata sad-dar. Kien xtraha gdida xi sentejn qabel l-incident. Karozza ta' delettant li kien juza xi sitt darbiet f'sena. It-*tyres* u rims kienu dawk originali. It-tyres kienu nqasmu u r-*rims* tghawwgu.

5. <u>Ritianne Azzopardi</u> xehdet (affidavit *a fol* 18) fis-sustanza dak li xehed zewgha.

6. <u>Karmenu Galea</u>, *Parts Manager* mal U.C.I.M ikkonferma l-kwotazzjoni datata 25/2/2010 esebita *a fol* 19. Huma jimxu fuq ix-*chassis number*. Hu ma jkunx ra ir-rota.

7. <u>Antoine Bugeja</u> qal li hu ufficjal tekniku ma Transport Malta u huma responsabbli ghat-tiswijiet fil-Coast Road. Ma jidhirlux li fl-14/2/2010 gharrfuhom b'xi hsarat ohra barra dak fil-kawza. Hu responsabbli li jispezzjona t-triq qisu darbtejn fil-gimgha u jzomm rapport u jiehu ritratti. Qal hekk:-

*Issa fl-14/2/2010 jien kont nghaddi darbtejn fil-gimgha kif diga spjegajt. F'dak il-perjodu kien hemm hafna hsarat f'dik l-area u kont qed nghaddi spiss biex jigi l-kuntrattur mall-ewwel jaghmel ir-repair.*

8. Meta raga xehed esebixxa bhala Dok AB (*a fol* 57) *invoice* ta' GA Services Ltd. Qal li fil-5/2/2010 il-kuntrattur kien tqabbad biex isewwi l-hsarat u kien hemm il-firma tal-perit li x-xoghliiet kienu saru. Esibixxa wkoll ritratt tat-triq qabel u wara li saru x-xoghlijiet – Dok AB1 u AB2. Dawn

it-tiswijiet saru fejn l-attur qal li kien hemm hofra. Jaf li fi Frar kienet ghamlet hafna xita. Spicca jghid li ma setax jeskludi li bejn il-5 u l-14 ta' Frar kienu feggew xi *potholes* ohra u dana jekk kienet ghamlet hafna xita. Bhalissa hemm registru li fih inizzlu l-ispezzjonijiet ta' kull jum izda qabel dan ma kienx jezisti.

9. Il-Perit Edrick Micallef, perit ma TM, qal li l-Coast Rd meqjusa bhala t-triq l-iktar arterjali ta' Malta. Hemm *field officers* li jaghmlu r-rondi regolari. Jintuza l-*cold asphalt* biex isiru tiswijiet immedjetament. X'sar fi Frar 2010 ma jafx. Zied li ma jistax jeskludi li xi materjal intuzat bhala rimedju immedjat jinqala.

III KUNSIDERAZZJONIJIET

1. It-TRIBUNAL jibda biex josserva li l-uzu tat-toroq mis-sewwieqa ma jsirx b'xejn. Hemm il-licenza li tithallas biex vettura tintuza fit-triq u da parti tal-Awtoritajiet hemm certi obbligi bhala korrispettiv. Fost dawn l-obligu li t-toroq jinzammu b'wicc fi stat tajjeb. Fil-kaz prezenti ghandna konferma mill-Perit Edrick Micallef ta' Transport Malta li l-Coast Road hi triq arterjali li taqa taht id-dmir ta' zamma tajba minn naha ta' TM.

2. It-TRIBUNAL hu soddisfatt ukoll li fl-14 ta' Frar 2010 l-Alfa Romeo mudell GT, nru ARE 214 tal-attur sabet ma wiccha fil-karreggjata hofra mghottija bl-ilma bir-rizultat li din sofriet hsara fit-tyre (s) u rim (s). Ghalkemm fir-Rapport lill-Pulizija (Dok D a fol 48) jissemma x-xellug, dan jitqies bhala lapsus jekk il-car mhix left hand drive. Dan jinghad ghax fix-xhieda tieghu l-attur semma "in-naha tieghi" li normalment tfisser il-lemin. Imma dan ghat-TRIBUNAL m'ghandux influwenza ghax hsara saret. F'dak li sar ma tidher ebda hitija (kontributorja jew determinanti) da parti tal-attur.

3. Ghalkemm inghad li TM tara li t-toroq jigu spezzjonati regolarment (u llum dan hu registrat kuljum) fiz-zmien rilevanti Antoine Bugeja ta' TM spezzjona t-triq fil-5 ta' Frar u ha rimedju, pero hu stess ammetta li "ma nistax neskludi li ghlkemm saru r-*repairs* fil-5$^{th}$ sal-14 rega

kien kien hemm il-*potholes* jekk per ezempju kien hemm ix-xita".

4. Dan iwassal lit-TRIBUNAL biex jiddeciedi li (issa) TM, konvenuta, kienet responsabbli .

5. Hawn nigu ghall-punt important dwar fiex kienet tikkonsisti l-hsara u l-kwantifikazzjoni taghha. It-TRIBUNAL ihoss li l-attur kien izomm il-vettura bhala dilettant, tant li fis-sentejn li kienet ilha ghandu kien juzaha ftit drabi biss fis-sena. Ghalkemm l-incident gara fi Frar 2010 meta deher quddiem TRIBUNAL kien ghadu ma sewwiehiex.

6. L-attur xehed li kien jehtieglu jibdel 2 roti u 2 *rims*. Immma prova ta' dan kollu ma ressaqx. Ghandna biss l-istima ta' €526.95c, Dok C *a fol* 19 dwar Road Wheel (alloy) rilaxxat mill-U.C.I.M. Limited li hi ripetuta bhala kopja *a fol* 24, bhala kopja ohra *a fol* 26 u targa bhala kopja ohra *a fol* 30. It-TRIBUNAL ma jistax imur 'l hinn minn dan il-*quantum*, li hu inqas minn dak mitlub mill-attur.

IV DECIZJONI

It-Tribunal **jiddeciedi** billi (1) **jilqa** l-ewwel talba attrici u jiddikjara lil Transport Malta, konvenuta, responsabbli ghad-danni mgarrba mill-attur fl-incident imsemmi (2) **jillikwida** d-danni fil-*quantum* ta' hames mija sitta u ghoxrin ewro hamsa u disghin centezmmi (€526.95c) u (3) **jikkundanna** lil Transport Malta li thallas dan l-ammont fi zmien hmistax-il jum mil-lum b'dana li jekk dan ma jsirx jibda ghaddej l-imghax skond il-ligi mil-lum sal-jum tal-pagament effettiv. (4) **jichad** l-eccezzjonijiet ta' Transport Malta inkwantu inkompatibbli ma dak hawn deciz u (5) dwar spejjes **jiddeciedi** li, fic-cirkostanzi dawn ikunu a spejjes ta' Transport Malta stante li hi dejjem cahdet kull responsabilta'.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------